MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tat-3 ta' Gunju, 2005

Talba Numru. 2241/2003

**Mirya Limited**

**vs**

**John Peresso Aluminium Limited u John Peresso**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-7 ta' Novembru, 2003 fejn intalab il-hlas ta' tlett mija u sitta u tletin lira Maltija u tmenin centezmu (Lm336.80) rapprezentanti xoghol ta' hgieg li s-socjeta' attrici bieghet lill-konvenut fis-snin 2000 u 2001.**

**Ra r-risposta tal-konvenuti prezentata fil-5 ta' Dicembru, 2003, fejn intqal, illi preliminarjament John Peresso personalment ghandu jigi liberat mill-**

**osservanza tal-gudizzju stante li m'ghandux relazzjoni legali mas-socjeta` attrici;**
**Illi di piu`, anke kieku, fir-rigward tal-konvenut personalment dan mhux integru stante li m'hemmx referenza ghal mart il-konvenut;**
**Illi fir-rigward tas-socjeta` konvenuta id-dejn ghandu jigi ppruvat;**
**Illi di piu`, jekk hemm dejn dovut illum dan hu preskritt;**
**Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, jekk hemm obbligu finanzjarju dan hu kontestat u l-istess socjeta` attrici trid tipprova l-ammont veru;**
**Salvi eccezzjonijiet ohra.**
**Ra n-nota tal-konvenut prezentata fid-29 ta' Ottubru, 2004 fejn gie rilevat li l-artikoli rilevanti tal-preskrizzjoni huma l-Artikoli 2148(a) u 2149 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Semgha x-xhieda ta' Henry Battistino, John Peresso. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Semgha lid-difensuri tal-partijiet jittrattaw il-kaz.**

**Ikkunsidra:**

**1. It-Tribunal jibda biex jaghmel referenza ghad-decizjoni preliminari moghtija fit-3 ta' Dicembru, 2004, fejn giet michuda l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, Art.2148(a) u 2149 tal-Kap.16 tal-ligijiet ta' Malta.**
**2. Li jrid jigi stabilit ghalhekk huwa min fil-fatt ghamel in-negozju mas-socjeta` attrici, cioe` kienx John Peresso f'ismu personali jew is-socjeta` John Peresso Aluminium Limited.**
**3. Jirrizulta mid-Dok HB 1 datat 22 ta' Mejju, 2002 li J Peresso Limited kienet qed titlob kopji ta' invoices lil Mirya Limited, invoices li kienu ghadhom pendenti.**
**4. Jirrizulta illi x-xoghol kien dejjem johrog taht l-isem ta' "Peresso" jew "Peresso Alum" u dana skond l-invoices esebiti u li jgibu n-numru 030217 sa 030221, 032565 u 032567 u 032568.**

**5. Skond Henry Battistino ghas-socjeta' attrici kien l-konvenut personalment illi kien jixtri l-materjal minghand is-socjeta' attrici. Il-persuna illi kien jiehu l-materjal kien John Peresso pero' s-socjeta' attrici ma kienetx tkun taf ezattament ghal min qieghed jittiehed.**
**6. Il-konvenut John Peresso jghid li l-materjal kien jixtrih f'isem il-kumpanija u bhala prova esebixxa cheque ta' l-1996. Pero' jirrizulta wkoll illi hafna drabi l-konvenut kien ihallas b'kontanti. Rilevanti hafna dak li jghid l-istess konvenut meta xehed hekk: "jiena ma kellix ghalfejn nghidlu jekk hux tieghi personali jew tal-kumpanija." Skond il-konvenut kien jiffirma ta' bilfors John Peresso peress li dan huwa ismu u l-kumpanija jisimha hekk ukoll. Jirrizulta illi meta jiffirma ex admissis ma kienx inizzel li qed jiffirma ghan-nom u in rapprezentanza ta' John Peresso Aluminium Limited.**
**7. Tenut kont ta' dak li ntqal it-Tribunal hu sodisfatt illi s-socjeta' attrici kellha ragun tahseb illi qed tinnegozja mal-konvenut f'ismu personali u konsegwentement it-Tribunal hu tal-fehma illi huwa John Peresso personalment ghandu jaghmel tajjeb ghall-ammont imsemmi.**
**8. It-Tribunal ma jsibx sostenibbli l-eccezzjoni illi l-attur f'ismu personali ma ghandux relazzjoni personali mas-socjeta' attrici u lanqas ma hemm lok li tigi akkolta l-eccezzjoni li l-gudizzju mhux integru peress li ma hemmx mart il-konvenut fil-kawza.**
**9. L-ammont mitlub jirrizulta pruvat mid-dokumenti esebiti u mix-xhieda ta' l-istess ta' Henry Battistino.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal filwaqt li qed jichad l-eccezzjonijiet sollevati, jillibera lil John Peresso Limited mill-osservanza tal-gudizzju u jikkundanna lill-konvenut John Peresso ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlett mija sitta u tletin lira u tmenin centezmu (Lm336.80)**

**Fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz l-ispejjez ghandhom jigu sopportati ugwalment bejn is-socjeta' attrici u l-konvenut John Peresso personalment, filwaqt li l-**

**ispejjez tad-decizjoni preliminari tat-3 ta' Dicembru, 2004 ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenut John Peresso.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------